# Jiena u s-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl



*L-ewwel darba li ltqajt ma membri ta' din is-Soċjetà kien fl-Università, meta kont editur fis-sena akkademika 1947-48. Bdejt nisma' mingħandhom x'kien il-ħsieb tal-fundatur u x'kienet l-attività f'dak il-mument u x'kienu l-proġetti għall-futur.*

Fi tfuliti kont mimli b'ammirazzjoni għas-soċjetà tal-Museum li waqqaf Dun Ġorġ Preca, illum dikjarat qaddis, u għall-Ordni tas-Salesjani ta' Dun Bosco, li kien dikjarat qaddis ftit snin qabel. Kont membru tal-Museum u min jaf kemm il-darba smajt lill-Fundatur jippriedka fil-Knisja ta' Sarria. Dwar Dun Bosco, kont naqra fil-kotba li kien kiteb Alfonso Maria Galea u kont nisma' dwar xogħol l-Ordni mingħand il-ġenituri. Kont nammira l-fatt li dawn il-qassisin, tant emmnu fit-tagħlim li mhux biss kienu jgħallmu u jippriedkaw huma, iżda kienu sawwru strutturi biex l-opra tagħhom titkompla minn oħrajn wara mewthom. Sirt naf għalhekk minn dawn l-istudenti tat-Teoloġija, li hawn Malta kellna għaqda oħra, iffurmata minn qassis Malti ieħor li kellha finalità simili ta' edukazzjoni u kura taż-żgħażagħ.

Matul is-snin sirt naf iktar fuq Monsinjur DePiro u sirt ħabib ta' xi wħud mill-membri. Kibret l-ammirazzjoni minħabba li ndunajt li s-soċjetà kellha karisma ta' spiritwalità li kienet tisboq anki dik tal-edukazzjoni u l-kura. Meta mbagħad fil-milja taż-żminijiet sirt responsabbli għall-qasam tal-edukazzjoni fil-gvern "ombra" fl-oppożizzjoni, u iktar tard fil-Ministeru propriju tal-gvernijiet mill-1987 sal-1994, din l-ammirazzjoni kompliet tikber. Il-Kulleġġ ta' Sant Agata kien ta' eżempju u meta kont inkun mistieden għal xi okkażjoni, kont inħossni edifikat. Ħafna ħadu l-edukazzjoni tagħhom sekondarja hemmhekk gratuwitament u b'mod eċċellenti. Il-ġenituri kienu jikkollaboraw bi pjaċir mal-għalliema.

Fis-sewwa ma hawnx teżori aqwa minn dawk tal-għerf. Ma hawnx teżor iktar prezzjuż, mill-għerf tas-sewwa. Inbierek kull ħin u kull mument lil kull min ressaqni lejn it-tagħlim nisrani. Fil-kors taż-żmien sirt naf ukoll bil-ħidma missjunarja tas-Soċjetà fost l-emigranti Maltin fl-Awstralja u anki ma' poplu ieħor, fil-Perù. Għaliex il-ħerqa għat-tagħlim tofroq l-oċeani, u ma għandhiex limiti ta' nazzjonalità u lsien.

Monsinjur DePiro semma l-istituzzjoni li waqqaf għal San Pawl, għaliex fehem li l-ispirtu tal-Appostlu missierna kien propriju dak li ried li jmexxiha: dak li twassal għand il-ġnus il-vanġelu ta' Kristu u l-għerf li joħroġ minn dan it-tagħlim.

Jalla din l-opra tkompli bl-stess spirtu u ssib żgħażagħ mimlija ħeġġa mill-ġenerazzjoni tallum u mill-ġenerazzjonijiet li ġejjin. B'hekk inġeddu t-tradizzjoni tal-Appostlu li għamilna nsara.

Barra mis-sedqa tal-għożża tal-fidi, is-Soċjetà ta' San Pawl ikkontribwiet anki billi wettqet xogħol ta' kura ta' tfal sfortunati. Hija ħidma ta' ċiviltà nisranija. Iċ-ċiviltà soċjali f'pajjiżna ma kinitx u ma hix biss frott tal-azzjoni tal-gvernijiet; kellha pediment u eżempju mill-istituzzjonijiet tal-Knisja. L-Appostlu li tant tħabat u ġera, l-iktar wieħed minn kollha kemm huma l-appostli, għallem li mingħajr l-imħabba ma jkun għamel xejn.

Is-Soċjetà ta' San Pawl integrat il-ħidma tat-tagħlim bl-atteġġjament pożittiv tal-imħabba.

E. T Dr.Ugo Mifsud Bonnici



# Għeżież qraba, ħbieb u benefatturi

*Kif nagħmel kull sena fix-xahar ta' Diċembru jien inħobb naqsam magħkom ftit ħsibijiet tal-aħħar tas-sena.*



Is-soltu f'din l-ittra tiegħi ngħidilkom xi esperjenzi sbieħ li nkun iltqajt magħhom fil-viżti li nagħmel kulljum lill-benefatturi.

Biss din is-sena f'dan il-messaġġ nixtieq ninqeda bih biex ngħid grazzi. L-ewwel waħda tmur lill-Mulej għal dak kollu li għamel magħna matul dawn il-mitt sena ta' ħajja u li wkoll tana l-grazzja li ċċelebrajnieh. It-tieni waħda lilkom, għeżież qraba, ħbieb u benefatturi, għax vera onorajtuna u għamiltulna kuraġġ, bil-preżenza numeruża tagħkom fl-attivitajiet kollha li għamilna biex infakkru, b'mod modest, dan l-avveniment. Nixtieq ngħid, grazzi kbira wkoll lil dawk fostkom li bagħtu donazzjonijiet propju bħala rigal taċ-ċentinarju.

U fl-aħħar imma mhux l-inqas, ngħid grazzi lis-Sur Nicholas de Piro, is-Sinjura Helen Damato, Mons. Lawrence Gatt, is-Sur. Paul Saliba, is-Sur. Kelinu Vella Haber, Mons. Philip Calleja, Hon.Tonio Borg, is-Sur. Paul Mizzi, u E.T. Dr.Ugo Mifsud Bonnici, li għoġobhom kitbulna artiklu fuq l-"Aħna Lilkom" fejn urew l-istima u r-rispett li għandhom lejn is-Soċjetà tagħna.

Għandi nifhem li lkoll irċivejtu l-kalendarju tas-sena li ġejja, li permezz tiegħu s-Soċjetà tagħna twasslilkom l-awguri għall-Milied ħieni u sena mimlija barka tal-Mulej.

Qabel nagħlaq, filwaqt li nirringrazzjakom tat-talb u l-għajnuna tagħkom, nixtieqilkom il-barka t'Alla.

Tinsewx it-19 ta' Diċembru, il-laqgħa tal-Milied f'St. Agata fit-3.30 p.m.

Inselmilkom.

Fr. Norbert Bonavia mssp.
Delegat għal Benefatturi.

Il-Kumpanija Teatrali San Ġenesju li għandna fl-Oratorju tagħna San Domenico Savio, bdiet l-istaġun tejatrali tagħha nhar is-Sibt 16, u l-Ħadd 17 ta' Ottubru, bil-kummiedja ta' Mikiel Anġ Borg "Mill-Qattara għall-Miżieb"



## Stedina għal-laqgħa tal-Milied

Il-Vigarju u l-membri tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl jistiednu lilkom qraba, ħbieb u benefatturi għal-laqgħa tal-Milied li għandha ssir fil-Motherhouse, Sant' Agata, Rabat, Malta.

***Nhar id-19 ta' Diċembru fit-3.30pm***
***Nispiċċaw qrib is-6.00 pm***

Għal din il-laqgħa ser ikollna fost l-oħrajn, talb, kant, informazzjonijiet fuq il-missjoni u nidħqu daħqa flimkien mat-"Talent De Piro".

*Wara nieħdu xi ħaġa flimkien*



MSSP100
# Aħna lilkom
HOLQA BEJN IL-ĦBIEB
Diċembru 2010 / Għadd 453 | Editur: Fr Norbert Bonavia MSSP



# Fr. Gerard jieħu s-salib tal-missjoni qabel ma jmur il-Pakistan

Fr. Norbert Bonavia mssp

*Nhar il-Ħadd 3 ta' Ottubru, Fr. Gerard Bonello mssp irċieva s-salib tal-missjoni minn idejn il-Provinċjal tagħna Fr. Ġiġi Mallia, fi triqtu lejn il-missjoni tagħna tal-Pakistan.*



Din l-għotja tas-salib, kienet okkażżjoni mhux tas-soltu, mhux għax xi membru tas-Soċjetà tagħna kien sejjer għall-missjoni, imma għax Fr. Gerard ser imur il-missjoni, issa meta suppost irtira.

Wara tletin sena bħala rettur tal-Kulleġġ Missjunarju ta' San Pawl, magħruf aħjar bħala ta' Sant'Agata, Fr. Gerard Bonello mssp ġie assenjat għall-missjoni tagħna fil-Pakistan.

Kemm dam rettur, huwa qasam ħajtu ma' mijiet kbar ta' studenti u l-familji tagħhom. Dan kien iqisu l-kamp pastorali tiegħu.

Fr. Gerard tul dawn it-tletin sena mexxa l-Kulleġġ tagħna fuq il-linji li bdew il-predeċessuri tiegħu, jiġifieri fuq tliet pilastri: l-istudenti, l-għalliema u l-ġenituri.

Fi żmienu l-kulleġġ mexa ferm 'il quddiem. Kullħadd jaf bil-fama li jgawdi il-kulleġġ illum. Kien hu li daħħal l-istudju tal-komputer fis-sena 1986 meta tista' tgħid f'Malta l-ebda skola ma kellha din l-opportunità. Bena l-laboratorji tal-bioloġija, fiżika u kimika, fejn kull student kellu l-opportunità li jagħmel l-esperimenti għalih. Attrezza l-awditorju tal-Kulleġġ b'dawl u sistema ta' sound mill-aqwa. Fi żmienu wkoll bdiet l-*exchange student scheme* bejn l-istudenti tagħna u dawk Francizi u ġermaniżi. Dan biex insemmu ftit mill-ħafna li għamel.

Għal bosta snin huwa okkupa l-kariga ta' segretarju tal-*Private Schools Association*. Hawn ta wkoll il-kontribut tiegħu. Biżżejjed insemmu kemm hadem biex l-eżamijiet tad-dħul fl-iskejjel tal-knisja jsiru kif kienu s'issa. Fis-sena 1984 u wara huwa kellu sehem importanti biex intlaħaq ftehim bejn is-Santa Sede u l-Gvern Malti fir-riforma tal-edukazzjoni, u dan l-aħħar ma baqax lura biex jagħti sehmu fir-riforma tal-edukazzjoni li ser tidħol mis-sena d-dieħla.

Minn qalbna, ngħidu grazzi lil Fr. Gerard għal dak kollu li għamel fil-qasam tal-edukazzjoni f'Malta u nixtieqlu kull barka tal-Mulej fil-kamp ġdid missjunarju.

# L-Aħħar Djar li nfetħu

## Il-Pakistan

*F'Jannar tal-1981, waslu l-Pakistan l-ewwel żewġ membri tal-MSSP. Fil-bidu bdew jaħdmu f'Chak Jhumra fid-djoċesi ta' Faisalabad, fejn kellhom żewġ parroċċi. Hemm ukoll bnew id-dar tal-formazzjoni. Imbagħad fl-1994 is-Soċjetà ħadet parroċċa oħra f' Yuhannabad.*



**Il-Parroċċa San Pawl**

Illum, is-Soċjetà qed taħdem f'Lahore fejn għandna parroċċa ddedikata lil San Pawl. Din il-parroċċa twaqqfet fis-sena 2007.

Ix-xogħol tas-Soċjetà, l-ewwel u qabel kollox, huwa l-kura pastorali tal-insara. Il-Knisja Kattolika fil-Pakistan għadha relattivament żgħira u pjuttost iżolata mill-bqija tal-Knisja Kattolika. ħafna jaħsbu li fil-Pakistan m'hemmx insara. Fil-fatt hawn seba' djoċesi li bejniethom għandhom iktar minn miljun Kattoliku. Barra dawn hemm madwar żewġ miljuni nsara oħra.

Peress li n-nies il-biċċa l-kbira huma fqar u l-istat ftit li xejn jipprovdi għajnuna, il-parroċċa tagħna hi l-uniku sors t'għajnuna għal dawk li ma' jistgħux jaħdmu, għall-iltiema u għar-romol.

Xogħol ieħor importanti hi l-edukazzjoni. Fil-parroċċa għandna skola li tipprovdi tagħlim u kotba bla ħlas. Din tinsab f'parti fqira ħafna tal-parroċċa. Magħna jaħdmu f'dan ix-xogħol hemm is-sorijiet tal-Holy Family li jżuru d-djar u jħeġġu n-nies biex jibagħtu l-uliedhom l-iskola. F'dawn il-viżti jagħtu għajnuna u pariri lill-familji li jkunu għaddejjin minn xi kriżi.

Fl-iskola barra li noffru klinika b'xejn għall-morda, għandna dak li nsejħulu, proġett mediku. Tim ta' sorijiet nurses tal-kongregazzjoni Medical Mission Sisters u tabib, jieħdu ħsieb tas-saħħa tat-tfal. Jagħtu attenżjoni l-aktar lil dawk it-tfal neqsin minn ikel tajjeb u jgħinuhom bil-vitamini. Fuq kollox jgħallmu t-tfal kif jieħdu ħsieb aħjar ta'saħħithom u tal-indafa fid-dar. Mhux biss, imma meta n-nies ikollhom għax imorru l-isptar jieħduhom huma u jgħinuhom f'li jkollhom bżonn. Iżuru l-morda fid-djar biex jikkurawhom u anke jqarrbnuhom.

Proġett li għaddejin bih bħalissa hu li nkabbru l-iskola.Għax fil-viżti tagħhom is-sorijiet spiss jiltaqgħu ma' bniet li qatt ma' jmorru skola għax ikollhom jieħdu ħsieb ta' ħuthom iżgħar minnhom, waqt li l-ġenituri jmorru għax-xogħol. Il-ħsieb tagħna hu, li nipprovdu post fl-iskola, fejn dawn il-bniet ikunu jistgħu jiġu b'ħuthom żgħar u anki trabi. It-tfal iż-żgħar ikollhom post għalihom u min jieħu ħsiebhom waqt li l-kbar jitgħallmu l-iskola. Bl-għajnuna li nirċievu, il-bini issa beda u miexi sew. Nittamaw li Settembru li ġej inkunu nistgħu nibdew mal-ewwel grupp.

Fr. Pierre Bonnici mssp
Superjur Reġjonali



**It-tfal tal-iskola**

## Id-Dar Ġeneralizja

*Is-Soċjetà tagħna hija mmexxija minn "Superjur ġenerali" li, "bħala s-suċċessur tal-Fundatur," kif jgħidulna l-kostituzzjonijiet tagħna, "iservi s-Soċjetà afdata lilu mill-aħjar li jista'". Biex jagħmel dan, hu mgħejjun minn grupp żgħir ta' kunsillieri li miegħu jiġu eletti kull sitt snin meta jsir il-Kapitlu ġenerali tas-Soċjetà.*



**Is-Superjur Ġenerali u l-Kunsill tiegħu**



Għal żmien twil sa mit-twaqqif tal-MSSP, it-tmexxija tas-Soċjetà kienet issir minn Malta. Iżda inħass il-bżonn li dan l-uffiċċju jiċċaqlaq minn Malta u jmur Ruma. Dan jgħati ħafna opportunitajiet lis-Soċjetà inġenerali, imma speċjalment lis-Superjur ġenerali, għax għalih ikun aktar faċli li jattendi għal-laqgħat li jsiru għas-Superjuri ġenerali. Mingħajr ma ninsew ukoll il-fatt li d-Dar ġeneralizja tkun qrib l-uffiċċji tal-Vatikaż

Kien għalhekk li fl-1998 is-Soċjetà ddeċidiet li ċċaqlaq id-Dar ġeneralizja tagħha minn Malta għal Ruma f'Vitinia. Dan kien fiż-żmien meta kellna bħala Superjur ġenerali lil Fr Joe Cremona li llum qiegħed iservi fil-missjoni tagħna fil-Filippini. Inxtrat dar żgħira f'post jismu Vitinia, ftit 'il barra miċ-ċentru ta' Ruma. Dan il-post huwa idejali għalina, għax waqt li mhux fl-istorbju tal-belt, huwa milħuq tajjeb anke bit-transport pubbliku. Barra minn hekk, jinsab f'nofs triq bejn il-belt u l-ajruport prinċipali ta' Ruma, u dan huwa vantaġġ kbir għalina għax spiss jieqfu jgħaddu xi jumejn magħna missjunarji fi triqthom minn jew lejn art twelidhom għal ftit mistrieħ.

Fid-dar ta' Vitinia s-Superjur u l-kunsill tiegħu, flimkien ma' xi membru ieħor tas-Soċjetà, jgħixu f'ħajja komuni, jaħdmu u jitolbu flimkien. Naturalment il-ħidma prinċipali minn din id-dar hija t-tmexxija tas-Soċjetà Missjunarja tagħna. Is-Superjur spiss ikollu laqgħat mal-kunsillieri tiegħu biex ikun jista jieħu deċiżjonijiet għaqlija f'diversi aspetti tal-ħajja u l-ministeri tal-membri fil-missjonijiet li l-MSSP għandha fil-pajjiżi fejn ninsabu.

Però, ix-xogħol tas-saċerdot mhux fl-uffiċċju jew amministrazzjoni biss. Minn din id-dar nagħtu wkoll is-sehem tagħna biex ngħinu fil-ħidma pastorali tal-parroċċa, u ta' xi parroċċi oħra viċin, kif ukoll nagħtu s-servizz tagħna lil diversi għaqdiet u komunitajiet reliġjużi, speċjalment dawk li bħalna għandhom il-kariżma tal-missjoni.

Minn hawn nieħdu l-okkażjoni biex nirringrazzjaw lil dawk li jgħinuna fix-xogħol kollu tas-Soċjetà, mhux biss finanzjarjament imma ukoll bit-talb tagħkom. żguri li l-Mulej ibierek il-ġenerożità tagħkom.

Fr. Mario Micallef mssp
Vigarju tas-Superjur ġenerali

## L-għeluq taċ-ċelebrazzjonijiet taċ-ċentinarju

*Ma naħsibx li stajna nagħlqu l-festi ċentinarji ta' dawn il-mitt sena b'mod aktar aħjar milli fil-fatt għamilna.*



Il-Kostituzzjonijiet tagħna jitolbu minna l-membri li barra li nagħmlu ġurnata rtir darba fix-xahar, jitolbu wkoll li jrid isir irtir ta' ħamest ijiem kull sena li fih il-membri iġeddu l-professjoni tagħhom.

Hekk ukoll sar din-sena, imma forsi b'differenza mis-snin ta' qabel, ġħaliex barra li kellna magħna s-Superjur ġenerali u l-Kunsill tiegħu li ġew minn Ruma għal din l-okkażżjoni taċ-ċentinarju, iltqajna flimkien l-membri kollha ta' Malta, u mhux maqsumin f'żewġ gruppi bħas-snin ta' qabel.

Dan l-irtir sar f'"Dar Stella Maris", id-dar tal-irtiri li għandna f Għawdex. Biex jgħinuna fir-riflessjonijiet tagħna kellna magħna lil Padre Josè Cristo Rey Garcia Paredes, Spanjol u membru ta' ordni missjunarja u lil Dun Renè Camilleri. Tal-ewwel iffoka fuq il-"Patt" li Alla għamel ma' kull wieħed minna - il-patt tal-imħabba t'Alla magħna u aħna miegħu. Allura kull ma nagħmlu fil-ħajja reliġjuża, inklużi l-voti tagħna, kollox ikun immexxi minn din il-viżjoni tal-imħabba t'Alla lejna u tagħna lejh. Fr. Renè saħaq fuq l-awtentiċità ta' ħajjitna, li ngħixu u ngħallmu dak li nemmnu tassew fih. Inkoraġġina wkoll biex niskopru kif Alla qiegħed jaħdem fil-ħajja tagħna ta' kuljum.

Il-ġimgħa, l-aħħar jum tal-irtir, bdejna bil-"Via Sagra" fis-sebgħa ta' filgħodu fuq il-għolja ta' Għammar - post fejn tista' timmedita l-passjoni u l-mewt tas-Sinjur Tagħna ġesù Kristu, fil-kwiet u fl-istess ħin tammira s-sbuħija tal-ħolqien, bil-veduta li tara minn hemm fuq. Wara komplejna t-talb tagħna billi dħalna fis-Santwarju Marjan Ta' Pinu, fejn waqt konċelebrazzjoni tal-quddiesa rringrazzjajna lil Alla u lil Marija Imtella' is-Sema, patruna principali tas-Soċjetà tagħna, għal dawn il-mitt sena li Hu għoġbu jagħtina.

Fr. Norbert Bonavia mssp

**Wara l-Via Sagra fuq il-għolja ta' Għammar**

